

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 851/2011

tat-23 ta' Awwissu 2011

li jirtira s-sospensjoni tat-tressiq ta' applikazzjonijiet ta' ċerti liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti taz-zokkor taħt ċerti kwot iż-żariffi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli ('ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS')⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jipprovdī għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffe Komunitarji fis-settur taz-zokkor⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) It-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni li jikkonċernaw in-numru/i tal-ordni 09.4380 ġew sospiżi mill-20 ta' Lulju 2011 bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2011 (UE) Nru 698/2011 li jissospendi t-tressiq ta'

applikazzjonijiet għal liċenzji ta' importazzjoni għall-prodotti fis-settur taz-zokkor li jaqgħu taħt ċerti kwoti tariffarji⁽³⁾, skont ir-Regolament (KE) Nru 891/2009.

- (2) Wara n-notifiki dwar liċenzji mhux użati u/jew użati parżjalment, saru disponibbli mill-ġdid kwantitajiet għal dak in-numru tal-ordni. Is-sospensjoni tal-applikazzjoni jiet għandha għalhekk tiġi rtirata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sospensjoni stipulata bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 698/2011 tat-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni għan-numru/i tal-ordni 09.4380 mill-20 ta' Lulju 2011 qed tiġi irtirata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,*

*José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82.

⁽³⁾ ĠU L 189, 20.7.2011, p. 12.